# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' April 2002**

**Avviz. numru 337/00**

**Numru 24**

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Busuttil sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Carmel Busuttil**

**vs**

**Brian Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat ihallas lill-atturi nomine s-somma ta' tmien mija u sebgha u sittin lira u sitta u sebghin centezmu (Lm867.76,0) in kwantu ghal Lm812.56,0 jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, lis-

socjeta attrici rappresentanti danni sofferti minnha fl-incident awtomobilistiku tas-27 ta’ Mejju 1999 f’Old Railway Road, Birkirkara bejn il-vettura numru DAL 114 misjuqa mill-konvenut u l-karrozza numru WIR 079 misjuqa minn Roseanne Busuttil u proprjeta tal-assikurat Carmel Busuttil, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta‘ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut minhabba li l-konvenut baqa hiereg minn fuq Stop Sign meta kien isuq f’Azzopardi Street, u qasam ghal Old Railway Road, Birkirkara u r-rimanenti somma ta’ Lm55.20,0 lill-attur Carmel Busuttil.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 10 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-attrici huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt illi t-tort huwa kollu ta’ Carmel Busuttil.

2. Illi s-socjeta attrici gja ammettiet t-tort peress illi gja hallset lill-konvenut l-ammont in kwistjoni;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont li qieghed jippretendi l-attur huwa ghal kollox ezagerat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, preliminarjament ser issir referenza ghat-talba kif dedotta mir-rikors a fol 42 tal-atti u li bih il-konvenut talab sabiex jigi awtorizzat li jressaq il-provi tieghu fis-seduta tallum ghar-ragunijiet premessi fl-istess rikors u avolja dan il-kaz kien gie differit ghas-sentenza kif jidher mill-verbal a fol 41.

Illi, in rigward l-istess talba, ghandu jigi notat li l-konvenut ippremetta "Illi ta' min jinnota illi l-konvenut kwazi dejjem deher ghas-seduti". Effettivament kif jidher mill-verbali relattivi (fol 5, 7, 12, 27, 38 u 41) jirrizulta li l-konvenut kien deher, f'okkazjoni wahda, fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2000 u dan minhabba kapitoli presentati mis-socjeta attrici nomine et, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Fis-seduti l-ohrajn, il-konvenut qatt ma kien deher u ghalhekk jista' jinghad li l-konvenut kwazi qatt ma deher waqt dawn il-proceduri waqt li l-abili Avukat difensur tieghu kwazi dejjem kien presenti.

Illi jigi notat ukoll b'referenza ghac-certifikat mediku, in atti a fol 43, illi fih, hemm imnizzel li l-istess konvenut kien "tajjeb ghax-xoghol" fid-19 ta' Novembru 2001, id-data li fiha inzammet l-ahhar seduta (fol 41 ibid). Cjononostante, hu ma kienx deher sabiex jipproponi l-provi tieghu.

Illi ghalhekk f'dan il-kaz, ma hix propensa sabiex takkolji t-talba, kif dedotta mir-rikors imsemmi.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-meritu, Roseanne Busuttil li fid-data in kwistjoni ghall-habta tas-7 p.m. kienet qed issuq il-karozza numru WIR-079, appartenenti lill-missierha, Carmel Busuttil spjegat li kienet ghaddejja minn Triq il-Ferrovija l-Antika, f'Birkirkara. Fuq in-naha tal-lemin taghha hemm triq laterali bl-isem ta' Triq Azzopardi b'sinjal "stop" mal-art. Minn din it-triq harget karozza ohra, misjuqa mill-konvenut u laqtet il-karozza uzata mix-xhud fuq il-genb tal-lemin sa nofs il-bieba ta' quddiem (ara fol 17 ibid). Ghalhekk hi waqfet.

Ikkunsidrat

Illi l-fizjal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz, PS 492 George Vella (fol 28 sa fol 34 tal-atti) oltre li esebixxa kopja kemm tar-rapport redatt minnu kemm tal-iskizz maghmul minnu, issottolinea li l-konvenut kien assikura l-vettura misjuqa minnu u uzata fl-incident in esami, wara li gara l-istess incident. Wara li sar accenn "obiter" ghal dan il-fatt, issir referenza ghal-istess skizz imsemmi (fol 31 ibid) minn fejn jidher li l-konvenut kien effettivament hiereg minn triq laterali b'sinjal "stop" mal-art (ara ukoll "Drivers Statement" a fol 33 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi ghandu jissemma ukoll li Mark Axiaq f'isem is-socjeta attrici (fol 13 et seq ibid) accenna ghat-tieni eccezzjoni sottomessa mill-konvenut (ara fuq) u spjega li, bi sball, kien gie mahrug "cheque" f'isem il-konvenut minflok fuq isem it-tellar tal-assikurat. In rigward l-istess punt gie prodott ukoll, Damian J. Vassallo (fol 39 ibid) li kkonferma li d-dokument a fol 21 tal-atti kienet kopja ta' ittra li intbaghtet lill-konvenut sabiex dan jirrifondi l-flus imhallsin lil dan, indebitament.

Ikkunsidrat

Illi l-istess Mark Axiaq (fol 15 et seq ibid) esebixxa d-dokumenti kollha relattivi ghad-danni pretizi fl-avviz vis-à-vis is-socjeta attrici nomine. Pero, in rigward l-ammot pretiz minn Carmel Busuttil kif risultanti mill-avviz, jinghad li l-istess Mark Axiaq kien semma, fix-xhieda tieghu, li dan l-ammont kien dovut lill-istess Carmel Busuttil in konnessjoni ma kiri ta' karozza. Pero' ma ingiebet ebda prova in sostenn tal-istess ammont hekk mitlub.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher evidenti li l-incident in esami kien gie kawzat minhabba sewqan negligenti da parti tal-konvenut li jidher li hareg minn triq laterali ghal wahda principali minghajr ma osserva sinjal "stop" hawn fuq imsemmi. Tali sinjal jimponi l-obbligu fuq sewwieq sabiex jieqaf u jara li ma hemmx traffiku ghaddej fuq it-triq principali qabel ma johrog fuq l-istess triq, imgieba dettata minn sewqan prudenti.

Illi in rigward l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici nomine, dan jidher gustifikat a basi tad-dokumenti "in atti" hawn fuq imsemmija. Pero minhabba r-raguni premessa, ma tistax tigi akkolta it-talba ghal hlas maghmula minn Carmel Busuttil bhala risarciment in rigward kiri ta' karozza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tichad it-talba ghal hlas ta' danni maghmula minn Carmel Busuttil u kif dedotta mill-istess avviz, tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;
2. tillikwida l-ammont ta' danni dovut fis-somma ta' Lm812.56,0 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm812.56,0 bl-imghax legali mill-21 ta' Jannar 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Jannar 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur